MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 669/2007/1

**Mark u Carmen konjugi Pace ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Marcas Services**

**vs**

**Kunsill Malti ghall-Isport**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Frar, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tal-atturi li ppremetew illi kienu ghamlu xi xoghol ghall-Kunsill konvenut. Ippremettew ukoll illi minkejja li l-Kunsill konvenut gie bosta drabi nterpellat sabiex ihallas l-ammont ta' erba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm442.50), u llum ekwivalenti ghal elf u tletin

Euro u hamsa u sebghin centezmi (€1,030.75), in konnessjoni ma' dan ix-xoghol, l-istess Kunsill baqa' inadempjenti. Ghalhekk l-atturi talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lil Kunsill konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' erba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm442.50), u llum ekwivalenti ghal elf u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€1,030.75), lill-atturi flimkien mal-imghax u l-ispejjes inkluzi l-ittri ufficjali bin-numru 3302/07.

Ra r-risposta tal-Kunsill li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi d-debiti assunti mill-Kunsill Malti ghall-Isport huma dawk li jirrizultaw fl-*audited accounts* li gew mghoddija lill-Kunsill Malti ghall-Isport mat-twaqqif taghha u dan skond il-ligi li biha giet kostitwita.

2. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ma jirrizultax dovut fl-*accounts* mghoddija lill-Kunsill Malti ghall-Isport mat-twaqqif tieghu.

3. Illi wara li twaqqaf il-Kunsill Malti ghall-Isport, thallsu dawk il-fatturi kollha pendenti li rrizultaw fil-kotba msemmija favur Marcar Services.

4. Illi s-servizzi li ghalihom tirreferi l-fattura numru 100710 qatt ma gew ordnati jew kienu awtorizzati minn dipartiment, ufficjal jew Ministru.

5. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-ligi.

Ra x-xhieda ta' Mark Pace li jispjega li kienu gew inkarigati mill-Kunsill konvenut sabiex jaghmlu xi xogholiiet ta' tindif ta' pajpijiet u jaqlighuhom u dan peress li kien hemm maltempata ghall-habta ta' Settembru, 2003 u l-*area* tal-Marsa Sports Complex kien gherqet bl-ilma tax-xita.

Dak iz-zmien il-Kunsill ma kellux Ministeru li tahtu kien jaqa', izda kien jaqa' taht is-Segretarjat tal-Perit Jesmond Mugliette.

Irrizulta li l-ilma li kienu jircievu terzi, kien gej minn *reservoir* li kien proprjeta' tal-Marsa Sports Club u dan l-istess kien mimli dud, blalen tat-*tennis* u kien post mahmug hafna.

Kien mbaghad nizel it-*Technical Officer* tal-Ministeru, li dak iz-zmien kien Joe Borda, u kien mar mieghu ukoll certu Victor Battestino u dawn ikkonfermaw li x-xoghol kien sar sew.

Kienu ntbatu hames (5) *invoices* u dawn kienu jikkonsistu f'xoghol u materjal, il-pompi, l-*iswitch guards* u *sprinklers*.

Jikkonferma li l-Kunsill kien ghamel erba' (4) pagamenti minn hamsa (5) u dan minhabba li qalu li ma kellhomx *record* ta' din l-*invoice* u ta' dan ma kienux disposti li jhallsu.

Din l-*invoice* kienet tinkludi xoghol, hlas ta' xoghol, *general duties* ta' tlett (3) persuni li hadmu ghal tlett (3) ijiem shah ghal ghaxar (10) sieghat kull darba.

Jispjega li hadd ma sab problema sabiex isiru dawn ix-xogholijiet, ghaliex jekk ma sarux, kien inutli li tinbiddel il-pompa.

Kien mar jitkellem ma' Joe Cassar, illum inkarigat mill-Kunsill  li jaqa' taht Ministeru u ikkonfermaw li kienu ser ihallsu ghal erba' (4) *invoices*, pero' tal-*labour* kienu ghadhom ma thallsux.

Il-pagamenti li saru kienu permezz ta' cekk mahrug mill-Kunsill konvenut. Il-Kunsill nnega li kien ser ihallas ghal hames (5) ircevuta ghaliex ma kienetx tezisti dokumentazzjoni f'dan il-kuntest.

L-*invoice* in kwistjoni kienet giet iffirmata minn Joe Borda u dan kien iffirma meta kien niezel ma' Battestino u kienu nizlu sabiex jikkonfermaw li x-xogholijiet kienu saru.

Ra x-xhieda ta' Joe Borda li dak iz-zmien kien jahdem fis-Segretarjat ta' Jesmond Mugliette u kien inkarigat mill-facilitajiet sportivi, fosthom il-Marsa Sports Complex.

Jikkonferma li s-Segretarjat kien iqabbad lill-attur diversi drabi u dan wara li jkun taghhom stima.

Jikkonferma ukoll illi kien iffirma l-*invoice* mahruga minn Mark Pace u meta kien awtorizzah biex jaghmel ix-xogholijet kien inkarigah ghan-nom tal-Kunsill Malti ghall-Isports peress li ma kienx hemm *Facility Manager* u dan minhabba li kien gie awtorizzat jaghmel dan.

Kien ukoll awtorizzat japprova x-xogholijiet wara li jkunu tlestew.

Dwar l-*invoice* jispjega li dan kien jikkonsisti f'xoghol li nqala' minhabba xi problemi fir-*reservoir* wara maltempata f'Settembru, 2003. Jispjega ukoll li kien hemm xi *invoices* li kienu jirrigwardaw xogholijiet tal-pompi kif ukoll tar-*reservoir*.

Ra x-xhieda ta' Aidan Azzopardi li jokkupa l-kariga ta' *Finance Officer* mal-Kunsill konvenut.

Il-Kunsill Malti ghall-Isports kien beda jiffunzjona minn Jannar, 2003 u kien biss f'Mejju, 2003 li l-Marsa Sports Complex kien waqa' f'idejn il-Kunsill, izda sa' Settembru, 2003 il-*budget* allokat lill-Kunsill, kien baqa' f'idejn id-Dipartiment tal-Youth and Sports u kien biss f'Ottubru, li l-*budget* waqa' f'idejn il-Kunsill personalment.

Minhabba f’hekk id-Dipartiment tal-Youth and Sports kien baghat lista tal-kredituri li kien hemm u li fosthom ma rrizultax li kien hemm l-isem tal-attur.

Wara kien hemm *invoice* li ntbaghat mill-Kunsill konvenut u dan kien ghall-habta ta’ Jannar, 2004 u kien hemm erba’ *invoices*, liema *invoices* mbaghad ntbaghtu ghand il-Ministru Mugliette, u dan ta’ l ahhar kien awtorizza tlieta (3)  minflok erba’ (4)  *invoices*.

Din l-ahhar *invoice* ma thallsitx ghaliex l-attur ma kienx jidher bhala wiehed mill-kredituri fuq il-lista li kienu nghataw. Lanqas irrizulta li kien hemm xi *purchase order*. Lanqas ma rrizulta li kien hemm xi awtorizzazzjoni da parti tal-*Chief Executive.*

Il-hlasijiet, f’dak iz-zmien kienu jigu awtorizzati minn Joe Cassar li ssussegwentement kien sar *Chief Executive Officer*. Jekk ix-xoghol kien jigi approvat minn Cassar, kien jinzel *Facility Officer* u wara li jaghmel ir-rapport johrog il-hlas.

Dwar ix-xhud Borda, dan ix-xhud jispjega illi dan kien rapprezentant tad-Dipartiment tal-Youth and Sports u mhux tal-Kunsill u ghalhekk ma kellu l-ebda kompetenza li jawtorizza jew jiccertifika x-xoghol.

Ikompli jispjega li kien id-Dipartiment tal-Youth and Sports li kien inkariga lill-attur sabiex jaghmel ix-xogholijiet u mhux il-Kunsill.

Ighid li ma kienx jaf ghaliex il-Ministru ma kienx approva l-ahhar *invoice*, pero’ kien approva t-tlieta (3) l-ohra ghaliex gie kkonfermat li kienu saru x-xogholijiet, izda mhux fuq l-ahhar wahda.

Ra x-xhieda ta’ Joe Cassar li jispjega illi d-Dipartiment tal-Isports kien ghaddielhom lista tal-

krredituri u kienu gew awtorizzati sabiex, fejn ix-xoghol kien gie awtorizzat, jitolbu l-hlas tieghu.

Hekk kien gara ghax-xogholijiet li kienu qed isiru fil-Marsa Sports Complex.

L-*invoices* li kienu rcevew minghand l-attur kienu rriferewhom lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u mbaghad l-istess *invoices* kienu gew awtorizzati mis-Segretarju Parlamentari ghall-Isports u l-Edukazzzjoni, hlief ghall-*invoice* wiehed li ma kienetx giet awtorizzata.

Kienet qed issir opposizzjoni ghall-hlas tal-ahhar *invoice*, peress li kienu qed jitolbu hlas ta’ *man hours* u peress li ma tantx kien hemm possibilita’ ta’ kontroll f’dan is-sens

Ix-xhud jispjega li hu kellu l-poter li jawtorizza x-xoghol.

Ighid li Charles Cioffi li kien jifhem fl-*irrigation system*, kif ukoll certu Grima  li kien *Acting Manager* tal-Marsa, pero’ ma setghux jindikaw kemm kien hemm haddiema u kemm-il siegha hadmu.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-perjodu in kwistjoni meta kien hemm l-incident tal-ilma kawza tax-xita fil-Marsa Sports Complex, il-Kunsill konvenut ma kienx jaqa’ taht l-ebda Ministeru, izda bhala entita’ kien jaqa’ taht is-Segretarjat tal-Edukazzjoni u l-Isports, fejn dak iz-zmien kien hemm il-Perit Jesmond Mugliette bhala Segratarju Parlamentari.

Jirrizulta li kien hemm *flooding* ghall-habta ta’ Settembru, 2003 wara li kien hemm maltempata

kbira u kien ghalhekk li kien jehtieg li jsir it-tindif tar-*reservoir* fil-Marsa Sports Complex.

L-attur ghan-nom tas-socjeta' Marcar Services kien gie inkarigat sabiex jaghmel ix-xogholijiet u t-tiswijiet mehtiega. Tul l-istess perjodu, l-finanzi tal-Kunsill kienu ghaddew f'idejhom wara li kienu ilhom f'idejn id-Dipartiment tal-Youth and Sports. Ghaddewlhom ukoll il-lista tal-kredituri.

Irrizulta wkoll li s-socjeta' attrici jew l-attur ma kienux indikati bhala kredituri rigward dawn x-xogholijiet, izda peress li kien gie ikkonfermat li l-materjal kien gie installat ghalhekk ma kienx hemm problema li tlieta (3) minn erba' (4) fatturi mibghuta mis-socjeta' attrici setghu jigu saldati.

It-Tribunal, josserva li l-Kunsill per se' kellu l-kompetenza li jissorvelja x-xogholijiet li kienu qed isiru u l-istess Kunsill seta' jawtorizza x-xoghol wara li jintbaghat fuq is-sit, il-*Facility Manager*. Dan kollu gie kkonfermat mill-*Chief Executive Officer* Joe Cassar. Ghalhekk, l-fattura li fuqha hemm kontestazzjoni, ma setghet qatt tigi awtorizzata mix-xhud Joe Borda, ghaliex minkejja li kien jahdem mad-Dipartiment taz-Zghazagh u Sports, din kienet il-kompetenza tal-Kunsill.

Madanakollu, it-Tribunal jinnota li kien biss fid-19 ta' Jannar, 2006 li s-Sur Aidan Azzopardi u s-Sur Croce Grima kienu nizlu fuq il-post fejn kienu saru dawn ix-xogholijiet lura ghas-sena 2003 u kkonfermaw li attwalment dawn ix-xogholijiet kienu saru u ghalhekk kien sar l-pagament.

Il-kontestazzjoni baqghet il-fattura li kienet qed titlob il-hlas tax-xoghol ta' tlett (3) impjegati tas-socjeta' attrici.

Joe Cassar, fil-kapacita tieghu ta' *Chief Executive Officer* tal-Kunsill konvenut kien irrakkomanda lis-Segretarju Parlamentari sabiex ma jawtorizzax l-

ahhar fattura ghaliex il-*Facility Manager* u l-*Accounts Officer* ma kienux f'posizzjoni li jikkonfermaw kemm kien hemm haddiema u kemm–il siegha hadmu.

Huwa minnu li l-fattura *per se* ma taghtix indikazzjoni ta' kemm-il siegha hadmu l-impjegati, pero' fix-xhieda tieghu Mark Pace in rapprezentanza tal-istess socjeta' jikkonferma li kellu tlett (3) impjegati fuq il-post li hadmu ghal ghaxar (10) sieghat shah ghal tlett (3) ijiem. Dan gie ikkwantifikat l-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125) –il wiehed, u cioe' llum ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u disghin Euro u sbatax-il centezmu (€291.17). (vide Dokument MC3).

Madanakollu, Joe Cassar, fl-ittra li baghat lill-Onorevoli Mugliett kien spejgalu li dawn ix-xogholijiet ma kienux gew awtorizzati mill-Kunsill Malti ghall-Isports, pero' kienu disposti li jhallsu ghall-materjal peress li kien jezisti fil-lok in kwistjoni, izda minhabba li ma kienx hemm awtorizzazzjoni da parti taghhom ma kienux disposti li japprovaw din il-fattura.

It-Tribunal, huwa tal-fehma li la darba kien il-Kunsill, u precisament ic-*Chief Executive Officer* li kellu jawtorizza dawn ix-xogholijiet u minflok kien hemm terza persuna, estranja ghal Kunsill li kienet approvat ix-xogholijiet minghajr permess mill-Kunsill, l-istess Kunsill ma jistax issa jinzamm responsabbli ghal oggett li ma kienx approva u ghal liema ma rrizultax li huwa debitur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes. Jibqa' pero' riservat id-dritt tas-socjeta' attrici kontra terzi *si et quatenus*.**"**

L-aggravju ta' l-atturi *nomine* fl-appell taghhom kontra din is-sentenza huwa fis-sens illi r-ragonament tat-Tribunal jippekka minn konsiderazzjoni kongruwa ta' l-aspett fattwali tal-provi. Essenzjalment, illi t-Tribunal injora l-punt illi r-rezistenza tal-Kunsill konvenut ghall-hlas tas-somma reklamata kienet relatata ma' l-allegat nuqqas ta' prova dwar il-"*man hours*" ghal liema tirreferi l-*invoice* mertu tal-kawza;

Fit-twegiba tieghu s-sottomissjonijiet tal-Kunsill konvenut huma bazati hekk. Fl-ewwel lok l-aggravju ma jinkwadrax ruhu fil-parametri ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380. Fit-tieni lok u fil-mertu s-sentenza hi gusta in kwantu l-provi stabbilew illi x-xoghlijiet referenzjati fl-*invoice* ma kienux awtorizzati minnu;

Fil-qosor il-provi l-aktar sostanzjali tal-vertenza huma dawn li jsegwu;

1. Skond l-attur Mark Pace (fol. 10) ix-xoghlijiet ezegwiti saru ghan-nom tal-Kunsill konvenut u dawn gew verifikati minn Joseph Borda;

2. Dan ta' l-ahhar jiddikjara li l-*invoice* relattiva giet iffirmata minnu u kien hu li awtorizza x-xoghlijiet f'isem il-Kunsill. Ix-xhud jispjega li dak iz-zmien ma kienx hemm Facility Manager u hu gie awtorizzat ghal daqshekk. Ara deposizzjoni ta' Joe Borda a fol. 14;

3. Aidan Azzopardi, Finance Officer tal-Kunsill, jghid fix-xhieda tieghu (fol. 17) illi l-Kunsill ha taht il-kontroll tieghu l-*budget* ghall-isports f'Ottubru 2003 u skond il-lista tal-kredituri supplita lilu mid-Dipartiment tal-Youth & Sports fi hdan il-Ministeru isem il-kumpanija attrici ma kienetx tikkonfigura bhala kreditur. L-istess xhud jissokta jispjega illi l-Kunsill irceva erba' *invoices* minghand l-atturi *nomine* li tlieta minnhom thallsu bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli mentri dik l-ohra mertu tal-kawza ma thallsetx ghaliex la kienet indikata mil-lista tal-kredituri u lanqas sopportata minn *purchase order*

taht l-awtorita` tac-Chief Executive responsbabli ghall-Kunsill. Jghid ukoll li l-Kunsill hallas it-tliet *invoices* l-ohra ghax fuq il-verifiki li saru rrizulta li x-xoghol fil-fatt gie ezegwit. L-istess xhud jirrikonoxxi illi l-erba' *invoices* huma relatati u konnessi;

4. Fix-xhieda tieghu Joe Cassar, Chief Executive tal-Kunsill, jistqarr b'konferma illi fil-Marsa kien sar xoghol ta' *irrigation system* u li dan ix-xoghol sar mill-atturi *nomine*. Dejjem skond dan ix-xhud is-Segretarju Parlamentari approva tlieta mill-*invoices* sottomessi mill-atturi *nomine* pero` dwar l-*invoice* oggett tal-kawza kien hemm problema fis-sens li ma setax jigi verifikat in-numru ta' *man hours* dettaljati fl-istess *invoice*;

5. Ta' rilevanza huma d-dokumenti esebiti a fol. 20 u fol. 21 tal-process. F'ta' l-ewwel jirrizulta li c-Chief Executive b'ittra datata 13 ta' Marzu, 2006 kiteb lill-Ministru koncernat fejn jissuggerilu li hu japprova l-*invoices* "*for the supply of items*" b'eskluzjoni ta' l-*invoice de quo.* Ir-raguni moghitja kienet illi skond il-verifika kondotta minn Croce Grima, Acting Facility Manager, ma setax ikun konfermat u kwantifikat l-ammont ta' hin impjegat fl-ezekuzzjoni tax-xoghol. Ara Internal Memo a fol. 21 sottoskritt mill-imsemmi Croce Grima u minn Aidan Azzopardi;

Fuq il-fehma tieghu b'dawn il-provi t-Tribunal irraguna illi la darba kien ic-Chief Executive Officer tal-Kunsill li kellu jawtorizza x-xoghlijiet u la f'dan il-kaz l-approvazzjoni tax-xoghlijiet saret minn terza persuna estraneja ghall-istess Kunsill, dan ta' l-ahhar ma setax jinzamm responsabbli ghall-hlas ta' l-*invoice*. Fil-hsieb tal-Qorti dan ir-ragonament ma jipprestax attenzjoni xierqa lill-kwadru shih tal-provi, u principalment, l-ezami akkurat tal-provi bl-adoperu ta' dik l-ekwita` li jippreciza l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380. Meta dan huwa hekk jigi li t-Tribunal ma zammx ruhu fil-parametru ta' dik ir-regola decizorja tal-mertu tal-kaz konkret quddiemu u allura wkoll fl-ambitu tar-regola sostanzjali li kellu japplika fl-ezami tad-

domanda posta lilu bil-kawza. Jikkonsegwi illi s-sentenza hekk pronuncjata tattira s-sindakabilita` ta' din il-Qorti;

Oggettivament, il-valutazzjoni specifika u elastika tal-provi kellha tinduci lit-Tribunal ghal kriterji u principji ta' dik il-prudenza u ekwita` li l-fattispeci kienu hekk jiddettawlu. *Inter alia*, li, indipendentement minn kull awtorizzazzjoni, it-Tribunal kellu jirricerka u jiddetermina jekk ix-xoghlijiet gewx effettivament ezegwiti u, jekk saru, l-atturi *nomine* kienux legittimati li jitolbu l-hlas minnhom pretiz;

Kif taraha din il-Qorti, il-korp tal-provi kellu jwassal ghal decizjoni kuntrarja ghal dik li wasal fiha t-Tribunal. In meritu, il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Huwa fatt illi nonostante li isem il-kumpanija attrici ma kienx jidher fuq il-lista tal-kredituri, il-Kunsill konvenut, li ma kienx hu li direttament approva x-xoghlijiet, ivverifika l-kontenut ta' l-*invoices* u fejn deherlu gustifikat irrakkomanda l-hlas. Dan almenu fil-kaz ta' tlieta mill-erba' fatturi pprezentati;

(2) Jirrizulta li r-raba' *invoice* ma thallsetx mhux tant ghaliex ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni preventiva tac-Chief Executive Officer tal-Kunsill izda ghaliex minn spezzjoni kondotta ma setax jigi kkwantifikat "*the exact amount"* tal-hin impjegat fix-xoghlijiet, anke jekk fl-istess waqt hu rikonoxxut "*that the three workers mentioned in the same invoice spent considerable time at the Marsa Sports* Complex";

(3) Hu sahansitra rikonoxxut ukoll mix-xhud Aidan Azozpardi, Finance Officer tal-Kunsill, illi x-xoghlijiet koperti bl-erba' *invoices* kienu korrelatati u konnessi. Meta hekk kien jirrizulta d-decizjoni tac-Chief Executive Officer ma kellhiex tkun dik li tipproponi lill-Ministru "s-sanction" tieghu ghal tlieta biss mill-*invoices* izda li tivverifika max-xhud Joe Borda l-approvazzjoni tal-korrettezza minnu tar-raba' *invoice* (ara dokument a fol.

22) bl-uzu wkoll ta’ dak il-bon sens dwar kemm fil-prattika ghal xoghol konsimili jigi mpjegat hin;

(4) Mhux lecitu u lanqas ekwu illi ghan-nuqqas tad-determinazzjoni ezatta tal-“*man hours*”, jigi skonsiljat il-hlas meta x-xoghol effettivament sar u l-hin impjegat kien ragonevolment determinabbli.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tilqa’ l-appell, thassar is-sentenza appellata u tghaddi biex tilqa’ t-talba kif dedotta u fl-ammont ipprecizat fl-*invoice* a fol. 2 tal-process. L-ispejjez relattivi taz-zewg istanzi jitbatew mill-Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------